MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2011

Rikors Numru. 871/2010

**In-Nutar Dr. Roberta Bisazza LL.D.**

***kontra***

**Invest BG Limited (C38756)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fl-1 ta` Settembru 2010 li jaqra hekk –

*Illi l-esponenti hija kreditrici tas-socjeta` intimata fis-somma ta` tnax-il elf mija u tnax-il Ewro u erbgha u sebghin centezmu Ewro (€12,112.74) u dan wara li s-socjeta` intimata filwaqt li kkostitwiet ruhha bhala debitrici tar-rikorrenti, intrabtet illi thallas lir-rikorrenti l-imsemmija*

*somma sa mhux aktar tard mit-22 ta` Jannar 2010 u dan permezz tal-kopja tal-iskrittura privata hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "RB1" ;*

*Illi wara li s-socjeta` intimata naqset illi tissalda d-dejn taghha mar-rikorrenti entro d-data miftiehma, u minkejja li r-rikorrenti nterpellat lis-socjeta` intimata permezz tal-ittri ufficjali tal-1 ta` Frar 2010 u tat-23 ta` April 2010 li kopji awtentici taghhom qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. "RB2" u Dok. "RB3" rispettivament, sabiex is-socjeta` intimata tissalda s-somma dovuta minnha, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti ;*

*Illi minkejja illi r-rikorrenti talbet il-hrug tal-mandat ta` sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet Dr. Roberta Bisazza vs Invest BG Limited li nhareg fid-9 ta` Frar 2010 li kopja awtentika tieghu qieghda tigi hawn annessa Dok. "RB4", is-socjeta` intimata wkoll baqghet inadempjenti ;*

*Illi minkejja illi ghaddew iktar minn erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni tal-imsemmi mandat ta` sekwestru, ir-rikorrenti ghadha sal-lum ma thallsitx l-ammont dovut lilha u ghalhekk is-socjeta` intimata ma tistax thallas id-djun taghha hekk kif provdut fil-ligi permezz tal-artikolu 214(5) tal-Att Dwar il-Kumpannija (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*Illi ghalhekk l-esponenti kellha tintavola l-proceduri odjerni sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna x-xoljiment u l-istralcjar tas-socjeta` intimata ai termini tal-artikolu 214(2a)(ii) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*Illi ghalhekk l-esponenti kellha tintavola l-proceduri odjerni sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` intimata ai termini tal-artikolu 214(2a)(ii) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn imsemmija, ir-rikorrenti umilment titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*(1) tiddikjara illi s-socjeta` intimata ma tistax thallas id-djun taghha ai termini tal-artikolu 214(5) tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*(2) tordna x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` intimata ai termini tal-artikolu 214(2a)(ii) tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*(3) tahtar persuna idoneja sabiex ikun l-amministratur provvizorju tas-socjeta` intimata ai termini tal-artikolu 228 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta qabel ma jigi ordnat ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpanija hekk kif mitlub fl-ewwel talba ta` dan ir-rikors ; u taghtih dawk il-poteri u funzjonijiet li din il-Qorti jidhrulha xierqa fic-cirkostanzi, inkluz dawk il-poteri li normalment huma ezercitabbli mid-diretturi tas-socjeta` intimata ;*
*u dan taht dawk il-provvedimenti ohra illi din l-istess Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors promotur.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta` Settembru 2010 fejn ordnat in-notifika tal-atti lis-socjeta` intimata li nghatat ghoxrin (20) jum zmien sabiex tipprezenta risposta u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 1 ta` Novembru 2010 fid-9.00 a.m.

Rat li, ghalkemm il-kumpannija ntimata kienet debitament notifikata skond il-ligi, ma pprezentatx risposta.

Semghet il-provi kollha tar-rikorrenti fl-udjenza tad-9 ta` Mejju 2011.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tad-9 ta` Mejju 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum *in difett ta` ostakolu*.

Rat li ma hemm l-ebda ostakolu sabiex is-sentenza tinghata llum.

**Ikkunsidrat :**

Din hija kawza fejn qed issir talba lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenti tal-kumpannija intimata skond l-**Art.214 tal-Kap.386** tal-Ligijiet ta’ Malta.  It-talba qed issir mir-rikorrenti bhala kreditrici tal-kumpannija ntimata.

Fil-paragrafu **(a)** tas-subartiklu **(2)** tal-**Art.214**, il-ligi tghid liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti **tista`** xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha.

Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti qeghda tibbaza t-talba tieghu fuq is-subinciz **(ii)** tal-paragrafu **(a)**.  Dak is-subinciz ighid  li kumpannija tista’ tigi xjolta u stralcjata mill-Qorti “ ... *jekk il-kumpannija ma tkunx tista’ thallas id-djun taghha*.”

Imbaghad l-**<u>Art.214(5)</u>** jistabilixxi meta kumpannija titqies li ma tkunx tista’ thallas id-djun taghha ghall-finijiet tal-**<u>Art.214(2)(a)(ii)</u>**.

Is-subartikolu **(5)** ghandu zewg subparagrafi. Is-subparagrafu **(a)** huwa dak rilevanti ghall-mertu ta’ din il-kawza u jaqra hekk –

*jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa’ ma thallasx ghal kollox jew f’parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta’ titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b’xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artiklu 273 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

Mill-atti li jaghmlu parti mill-process jirrizulta hekk –

1) Fix-xhieda taghha, ir-rikorrenti spjegat kif sar l-investiment li kienet ghamlet permezz tal-kumpannija intimata. Ir-ragunijiet li minnhom twieled il-kreditu taghha kontra l-kumpannija ntimata huma mfissra fil-kuntratt li sar bejn il-partijiet fit-22 ta` Lulju 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Cristina Saydon (fol 6-7). Skond dak il-kuntratt, il-kumpannija ddikjarat ruhha bhala vera, likwida u certa debitrici tar-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta` €12,112.74 liema ammont kellu jithallas ghas-saldu sat22 ta` Jannar 2010.

2) Peress li d-dejn patwit baqa` ma thallasx, ir-rikorrenti pprezentat ittra ufficjali kontra l-kumpannija intimate fl-1 ta` Frar 2010 sabiex tirrendi ezegwibbli skond il-ligi l-kuntratt tat-22 ta` Lulju 2009 (fol 2).

3) Jirrizulta li l-kumpannija intimata kienet notifikata bl-imsemmija ittra ufficjali fil-5 ta` Frar 2010 (fol 5) u baqghet inadempjenti.

4) Fit-23 ta` April 2010, ir-rikorrenti pprezentat ittra ufficjali (fol 8) kontra l-kumpannija intimata, u kontra Claude Grima, Paul Pisani, Roger Cali` u Emmanuel Ellul fil-vesti taghhom ta` diretturi jew ex diretturi tal-istess kumpannija intimata fejn avzathom li jekk il-kreditu taghha ma kienx se jkun sodisfatt hija kienet sejra tipprocedi b`azzjoni legali kontrihom kemm skond il-Kap.386 kif ukoll skond il-Kap.9 tal-Ligijiet ta` Malta. Il-kumpannija intimata u Emmanuel Ellul ma kienux notifikati bl-ittra ufficjali waqt li Claude Grima, Paul Pisani u Roger Cali` kienu debitament notifikati (fol 9).

5) Jirrizulta li l-kreditu baqa` ma thallasx u fit-18 ta` Frar 2010, ir-rikorrenti pprezentat mandat ta' sekwestru ezekuttiv Nru.237/2010 kontra l-kumpannija intimata (fol 10-18). Jirrizulta minn fol 18 li l-mandat kien notifikat lis-sekwestratarji bejn id-19 u t-22 ta` Frar 2010, ghalkemm ma jirrizultax li kien notifikat lill-kumpannija ntimata. Din il-Qorti tghid li ghall-fini tal-applikazzjoni ta' l-Art.214(5)(a), il-fattur rilevanti huwa *l-**ezekuzzjoni** ta' titolu ezekuttiv* mhux in-*notifika* tieghu. Ghalhekk l-*erbgha u ghoxrin gimgha* bdew jiskattaw mid-data tal-ezekuzzjoni tal-mandat ta` sekwestru f`idejn is-sekwestratarji anke jekk il-kumpannija ntimata baqghet mhux notifikata bil-mandat.

6) Jirrizulta li r-rikorrenti baqghet ma thallset xejn mill-ammont dovut kif ikkonfermat bil-gurament taghha.

7) Mill-atti socjetarji li kienu esebiti fl-udjenza tad-9 ta` Mejju 2011 (Dok CF1) mill-Av. Claudette Fenech bhala rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpanniji, jirrizulta -

a) Il-kumpannija intimata kienet registrata skond il-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta fit-23 ta` Mejju 2006 bin-Nru.C38756.

b) L-*authorised share capital* taghha kien ta` Lm 800 maqsum fi 800 sehem ordinarju ta` Lm 1 kull sehem. L-*issued share capital* taghha kien ta` Lm 400 maqsum indaqs bejn Claude Grima, Paul Pisani, Emmanuel Ellul u Roger Cali`.

c) L-ewwel diretturi u l-ewwel segretarji tal-kumpannija kienu l-istess erba` azzjonisti.

d) Fl-24 ta` Mejju 2007, kienet presentata lir-Registratur tal-Kumpannija l-ewwel *annual return.*

e) Fis-7 ta` Mejju 2008, sar *extraordinary general meeting* tal-kumpannija fejn kien hemm qbil unanimu li –

i) Il-bqija tal-kapital li ma kienx *paid up* jithallas kollu.

ii) L-*authorised share capital* isir €24,989.51 maqsum fi 10,728 sehem ordinarju b`valur ta` €2.329373 kull sehem.

iii) L-*issued share capital* isir daqs l-*authorised share capital* u
jkun *fully paid up.*

f) L-erba` diretturi u segretarji tal-kumpannija rrizenjaw minn dawn il-karigi : Claude Grima fit-3 ta` Settembru 2009, Emmanuel Ellul fl-4 ta` Gunju 2009, Roger Cali fid-9 ta` Settembru 2009 u Paul Pisani fil-11 ta` Marzu 2011. L-erbgha li huma baqghu azzjonisti tal-kumpannija..

g) Ma jirrizultaw presentati lir-Registratur tal-Kumpannija l-ebda *financial statements* tal-kumpannija minn mindu giet registrata sal-lum.

7) L-istampa li tohrog tal-kumpannija intimata hija li l-kumpannija m`ghandhiex diretturi. Din il-Qorti ma tafx jekk hijiex qeghda tinnegozja forsi jkollha biex thallas id-dejn taghha. U fuq il-provi li rrizultaw f`din il-kawza ma xejn x`iserrah mohh il-gudikant li l-kumpannija ma tinstabx fi stat ta` insolvenza. Del resto il-pretensjonijiet tar-rikorrenti ma gewx kontradetti.

Fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, jirrizulta li l-kumpannija intimata mhix f'qaghda li thallas id-djun taghha. Ghalhekk din il-Qorti hija sodisfatta li rrizultaw l-elementi kollha li trid il-ligi sabiex tipprocedi ghax-xoljiment u stralc tal-kumpannija intimata skond l-Art.214(2)(a)(ii) tal-Kap.386.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif gej –**

**1) Tilqa` l-ewwel talba u tiddikjara li l-kumpannija intimata Invest BG Limited (C38756) ma tistax thallas id-djun taghha skond l-Art.214(2)(a)(ii) u Art.214(5)(a) tal-Kap.386.**

**2) Tilqa` t-tieni talba u tordna x-xoljiment tal-istess kumpannija intimata b`effett mil-lum kif ighid il-proviso tal-Art.223(1) tal-Kap.386 u tordna wkoll l-istralc taghha.**

**3) Tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha skond l-Art.228 et seq tal-Kap.386 b'dan illi l-istralcjarju ghandu wkoll, bla hsara ghall-generalita` ta` dawk is-setghat u dmirijiet –**

**a) wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija intimata kif irid l-Art.226 tal-Kap.386 jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-Art.227 tal-Kap.386.**

**b) jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija ntimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun.**

**c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija intimata kif ighid u jrid l-Art.237 tal-Kap.386.**

**d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija ntimata.**

**e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpannija intimata.**

**f) jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum.**

**4) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba.**

**5) Tikkundanna lill-kumpannija intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din l-istanza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------